**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, l-28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Malcolm Vella Francica**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Malcolm Vella Francica,** iben Calcidon u Anna nee` Galea, imwieled il-Pieta nhar it-23 ta' Awissu 1989 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0390789M

Akkużat talli nhar it-8 ta' Novembru 2023, għal ħabta ta' 07:45hrs, ġewwa Swieqi:

1. Ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu, għasafar mingħajr liċenzja valida għal dak il-għan maħruga mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur ta' Reg 12(1) u t-tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' L.S. 549.42, bi ksur ta' Reg 10(2) ta' L.S. 549.145;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċjaj jew prova jikkaċja, ħa jew prova jeiħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(a) ta' L.S.549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien fil-pussess jew kllu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-iskeda II jew fl-Iskeda III (wħud minnhom imniżżla fi Skeda I), meta dawk l-għasfar ma ġews dikjarati mal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew il-predeċessur tagħha jew mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żmma ta' dak l-għasfur skont id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 21, jew kienu ġew importati legalment skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu meħuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tagħhom saret skont il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwistat b'mod legali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-UE, jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' L.S. 549.42;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża għasafar bħala taħrik u għajjar li ma kinux imlibbsa ċurkett magħluq b'diametru intern li huwa ta' daqs apposta għall-ispeċi, li ma kinux imlibbsa ċurkett li jintuża darba li kien maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li għandu l-Kodiċi R16U, u/jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u jew bgħula u/jew ibridi, bi ksur ta' kundizzjoni 20 tal-Liċenzja Speċjali għar-riċerka fuq is-seba` speċi tal-għasfar tal-Għana fil-ħarifa 2023 u Regolamenti 12(k) ta' L.S. 549.145;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, instab fuq sit li ma ġiex reġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, bi ksur ta' Kundizzjoni 11 tal-liċenzja speċjali għar-riċerka fuq is-seba` speċi tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa tal-2023, u bi ksur ta' Regolamenti 12(d) ta' L.S. 549.145, u bi ksur tat-tieni proviso ta' Reg 8(2) ta' L.S. 549.42

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Il-prosekuzzjoni qed takkuża lill-imputat talli fit-8 ta' Novembru 2023 ġewwa San Ġwann kien qiegħed jonsob mingħajr liċenzja valida, bl-użu ta' għasafar ta' għasafar tal-għana bħala taħrik, u li kellu numru ta' għasafar illegalment fil-pussess tiegħu.

Minn naħa tagħha id-difiża tikkontendi li l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu minħabba konflitt ta' provi. F'dan ir-rigward id-difiża ssemmi l-fatti li fl-affidavit ta' PC16 ma ġietx indikata is-sena ta' meta seħħ l-allegat reat u għaldaqstant dan l-affidavit ma jirriflettix id-data fiċ-ċitazzjoni, filwaqt li l-affidavit ta' PC872 jitkellem dwar ċertu Ryan Callus u sitwazzjoni li seħħet f'Delimara. Id-difiża żżid li barra minn hekk hemm kontradizzjoni fir-rigward tal-post fejn seħħ l-inċident bejn l-affidavits ta' PC349 u PS1568, u l-irċevuti relattivi għall-konfiska ta' għasafar u d-dokument tar-rifjut ta' eżerċizzju tad-dritt ta' konsultazzjoni ma' avukat.

Wara li eżaminat l-atti il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-affidavit ta' PC872 mhuwiex relevanti għal dan il-każ peress li jirrigward ċertu Ryan Callus u mhux l-imputat.

Huwa minnu wkoll li d-data indikata fl-affidavit ta' PC 16 Emanuel Zammit issemmi biss il-ġurnata u x-xahar iżda mhux ukoll is-sena. Dan ifisser li dan l-affidavit ma jistax jintuża bħala prova li tikkonferma d-data ta' meta seħħ l-allegat reat kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Il-bqija tal-affidavits u ċioe l-affidavit ta' PS1568 u PC349 pero jindikaw id-data

sħiħa u din id-data taqbel mad-data indikata fiċ-ċitazzjoni. Pero, kif sewwa ssottomettiet id-difiża, il-post fejn seħħ l-allegat reat indikat f'dawn l-affidavits ma jaqbilx mal-post indikat fl-irċevuti relattivi għall-konfiska tal-għasafar, immarkata bħala DOK EM1 u d-dokument tar-rifjut tal-jedd għal parir legali immarkat bħala DOK EM2. Fl-affidavits jinsab indikat li l-post fejn seħħ l-allegat reat kien is-Swieqi. Pero, fiż-żewġ dokumenti l-oħra, iffirmati minn PC 16 u PC349 il-post jinsab indikat bħala San Ġwann.

Din il-kontradizzjoni timmilita ferm kontra l-Prosekuzzjoni peress li l-prova lil hinn minn kull dubbju raġonevoli dwar il-post fejn seħħ l-allegat reat, li jrid jaqbel perfettament mal-post indikat fiċ-ċitazzjoni, hija rekwiżit *sine qua non* sabiex l-imputat ikun jista` jinstab ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu.

Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Camilleri et,** deċiża fis-26 ta' April 2016, il-Qorti tal-Appell illiberat lill-imputat għaliex filwaqt li fiċ-ċitazzjoni ġie indikat li r-reat kien seħħ fi Triq San Duminku kantuniera ma' Triq Merkanti, il-provi kienu jindikat li l-allegat r-reat kien seħħ fi Triq Merkanti kantuniera ma' Triq San Dumniku, u dan wara li rraġunat hekk:

> "…il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni."

Fid-dawl ta' dan, minħabba kunflitt ta' provi dwar fejn seħħ l-allegat reat, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jiġi lliberat mill-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputat mhux ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur